MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 365/2012

**Appell Nru. 365/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Melvyn Camilleri)**
**(Spt. Spiridione Zammit)**
**Vs**
**Carl Galea**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 390179M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Marzu, 2011, fir-Residenza San Vincenz de Paule, Hal-Luqa, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Rita Scicluna ta' 87 sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju, 2012, li biha, wara

li rat l-artikolu 207, 201(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' seba` xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin.
Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qeghdet lil hati taht ordni ta' supervizjoni u dana ghal zmien tlett snin bil-kundizzjoni illi l-appellant jinghata l-kura kollha mehtiega ghall-istat ta' sahha tieghu kemm dik mentali kif ukoll fizika.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza jew jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu llum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €337.50 in konnessjoni ma' l-ispejjez peritali.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' dina s-sentenza tigi notifikata lis-Supretendent Mediku ta' l-Isptar San Vincenz de Paule.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi u dan billi, tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skont dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Qorti Inferjuri meta ghamlet riferenza ghall-ezami psikjatriku u r-rapport relattiv, naqset li tiehu in konsiderazzjoni ta’ nuqqas ta’ xi forma ta’ nuqqas fil-hiliet mentali li tirrendi lill-imputat dispost ghall-atti allegati imwettqa u cioe` dawk ta’ xi forma ta’ atti di libidine li jistghu jwasslu ghal att vjolenti fuq il-pudur. Dan qed jinghad billi l-esperta psikjatrika, galadarba dik il-Qorti kkwotatha jfisser li taqbel mal-konkluzzjonijiet minnha esressi, li l-istess imputat huwa nieqes mil-hazen rikjest ghat-twettiq tar-reat in ezami. Hemm sitwazzjoni cara ta’ nuqqas ta’ abbiltajiet mentali, Huwa karenti fl-imputat il-*mens rea,* rikjest fil-ligi, ta’ persuna li taf li qed taghmel il-hazin u tippersisti.

a. L-istess esperta tal-Qorti tghid fis-sottomissjonijiet taghha li l-imputat huwa soggett ghall-atti epilettici, liema attakki huma ta’ natura tali li in segwitu tal-akkadut ma jkunx hemm memorja tieghu. Din ma hiex trovata tad-difiza imma stat ta’ fatt li ingab a konjizzjoni tal-Pulizija mill-ewwel mumenti tad-detenzjoni tieghu. Hija l-istess verzjoni tal-fatti kif rapportata fl-istqarrija tal-imputat, verzjoni li mehuda ma’ dak espress mill-esperta Dr. Ethel Felice, ixxejjen kull mens rea f’dan il-kaz.

b. Fis-sottomissjonijiet tal-Qorti fis-sentenza tghid li ***l-imputat ma jressaq ebda prova dwar il-kundizzjoni medika tieghu u x’tip ta’ attaki ibati minnhom;*** sottomissjoni kontradetta fl-istess sentenza stess meta l-qorti ticcita l-parti tar-rapport fejn l-esperta nominata mill-Qorti tiddikjara apertament il-kundizzjonijiet mediko-psikjatrici tal-imputat li jsostnu s-sottomissjonijiet tad-difiza. Jinghad ulterjorment li lanqas hemm bzonn ta’ xi prova ulterjuri galadarba l-istess espert tal-Qorti qed tikkonferma dan kollu (kif kwotat fis-sentenza Pagna 3 Paragrafu 2) u ma huwiex b’xi mod kontradett.

c. Fir-referenza tal-Qorti lejn ir-rapport psikjatriku jinghad li ***l-kundizzjoni ta’ sahha mentali tal-imputat tista` twassal ghal nuqqas ta’ kontroll fl-imgieba tieghu,*** stat ta’ fatt li fil-fehma tal-esponent jirrendi lill-imputat mhux responsabbli tal-atti minnu maghmula billi hawn jinkwadra car u manifest l-istat ta’ nuqqas ta’ responsabilita` kriminali rikjest mill-ligi, stat li ghalkemm huwa car u definit mill-esperta psikjatrika, ma huwiex

wiehed ta' perikoluzita ghas-socjeta`. Dan in-nuqqas ta' kontroll, li ma hux wiehed b'xi mod volontarju, anzi kif riprodott anke fl-istess sentenza, u konfortat mix-xhieda psikjatrika isehh meta l-persuna koncernata tkun qeghda taht stress estern, jirrendi lill-imputat mhux responsabbli ghall-ghemil tieghu.
d. Dan l-istess effett estern jirrizulta manifestament fil-kaz in ezami, tant li l-istess Qorti Inferjuri ghamlet referenza ghaliha u l-passi tal-Pulizija fir-rigward tar-rikatt minn certu Raymond Camilleri.
e. Ghalkemm huwa dikjarat li jista` jirrispondi ghall-proceduri odjerni, ( u allura sano di mente fis-sens ta' konoxxenza bejn it-tajjeb u l-hazin), huwa dikjarat ibghati minn kundizzjonijiet psikologici ta' certa gravita` flimkien ma epilessijali finalment anke l-istess Qorti Inferjuri hasset li kellha tohrog ordni ta' kura, (liema ordni hija superfluwa fil-kaz in ezami billi l-istess imputat ilhu jiehu l-kura necessarji snin u qatt ma kien hemm xi indikazzjoni li jieqaf jew li waqaf minn dina l-kura.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju jirrizulta filli fil-kaz in ezami, tenut kont tan-nuqqasijiet cari u cioe` li kien hemm xi att di libidine, hemm karenza cara u inekwivoka li dak allegat fil-fatt sehh, u dan billi hija biss impressjoni tax-xhud Psaila kif minnha espress verbalment meta qalet ***"bhallikieku qisu qed jaghmel l-att sesswali".*** L-istess impressjoni tirriduci ruhha aktar cara meta wiehed (sfortunatament mhux video recorded) jirreferi ghall-azzjoni maghmula mix-xhud biex tispjega l-moviment u cioe` idejn maghluqa mill-minkeb u ponnijiet maghluqa, kif huwa komunement maghruf li jkun persuna taht stat ta' epileptic fit.
Dan ghalhekk iwassal ghal punt li dak li fil-verita` sehh fil-verita` ma kienx att vjolenti fuq il-pudur izda rizultat ta' epileptic fit, li sfortunatament, l-appellant ibati minnhom u dan kif accertat mill-istess espert mahtur mill-Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tielet aggravju jirrizulta filli l-piena in segwitu erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment ghall-fatt li anke jekk ghas-sahha tal-argument ghandu jkun hemm sejbien

ta' htija u dan minkejja dak li qed jigi sottomess fl-aggravji tal-appell, partikolarment ghall-fatt li l-appellant, l-appellant jehtief ghajnuna ghall-kundizzjoni tieghu u mhux tigi erogata sentenza ta' habs sospiz.
Illi s-sentenza kif erogata, f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, ghandha tirrispekkja c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kif ukoll il-kundizzjoni tal-appellant li giet ben definita fir-rapport tal-espert tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll dik tal-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnax (12) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant kien jahdem bhala care worker fir-residenza San Vincenz De Paul f'Hal Luqa. Ghal habta ta' nofsinhar kien qed jitqassam l-ikel u l-anzjani li jkunu fuq saqajhom johorgu jieklu fil-kuritur. Dawk li jkunu bed-ridden jinghatalhom l-ikel fis-sodda. Fis-sala fejn kien qieghed jahdem l-appellant kien hemm erba' (4) sodod illi wahda minnhom anzjana ta' sebgha u tmenin (87) sena, Rita Scicluna, kienet bed-ridden u wahidha fil-kamra flimkien mal-appellant. Hin minnhom Rita Psaila illi giet tassisti lil ommha ghall-ikel dahlet fil-kamra u rat lill-appellant mitfugh fuq l-anzjana jaghmel mossi bhallikieku qed jaghmel att sesswali. Psaila tghid illi hekk kif induna biha, hu qam jigri minn fuq l-anzjana u deher mahsud u qalilha, "... m'ghamiltilha xejn ... m'ghamiltilha xejn!" Psaila rrappurtat il-kaz lill-awtoritajiet tal-isptar u lill-pulizija.

B'sena moghtija fl-erbgha (4) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati, ikkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ta' seba' (7) xhur sospizi ghal tlett (3) snin.

L-appellant deher aggravat b'din is-sentenza peress illi deherlu illi mill-provi migjuba ma kellux jinstab hati.

Ikkunsidrat:

L-appellant argumenta illi l-unika xhud kienet dina Rita Psaila li kienet ghaddejja fil-kuritur u rat lill-appellant mixhut fuq l-anzjana. It-tnejn kienu lebsin. L-appellant ipprova jispjega din is-sitwazzjoni billi jghid illi huwa jsofri minn attakki ta' puplesija u kien taht wiehed minn dawn l-attakki illi nxtehet fuq l-anzjana u ma kienx konxju ta' dak illi kien qieghed jaghmel. L-ewwel Qorti fil-fatt irrikonoxxiet din il-kondizzjoni medika tal-appellant u anki rrikorriet ghar-relazzjonijiet psikjatrici illi gew ipprezentati fil-konfront tieghu. Però skond l-appellant, l-ewwel Qorti qaghdet wisq fuq dak illi qalet Psaila. Wara kollox il-mossi illi qalet li rat lill-appellant jaghmel huma l-istess bhal persuna li tkun taht l-influwenza ta' attakk pupletiku, u ghalhekk ma setghetx issib lill-appellant hati tar-reati addebitati lilu. L-appellant huwa persuna vulnerabbli u l-Qorti titkellem dwar dan l-istat u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha.

Rigward il-piena, l-appellant ghandu fedina penali nadifa. Hemm dubbju dwar kemm verament wettaq dan ir-reat, allura anke sentenza sospiza hija zejda.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-incident gara f'wahda mill-kmamar ta' St. Vincent De Paul illi normalment tospita erba' (4) persuni. Il-vittma kienet l-unika minnhom illi kienet "bed-ridden" u dak il-hin kienet wahidha fil-kamra. Rita Psaila giet tara lil ommha li kienet fil-kuritur u dahlet fil-kamra biss biex tohdilha hwejjigha halli taghmillha tibdila, u kienet hawn, f'dan il-mument, illi rat lill-appellant joshon ghal fuq din il-mara (fol 27 et sequitur), u hawnhekk l-appellant inhasad u qalilha illi ma kien qed jaghmillha xejn. Ma hemmx dubbju biex l-appellant irrisponda b'dan il-mod kien jaf sew x'kien qieghed jaghmel. Veru li l-appellant ghandu l-problemi tieghu; ghandu livell ta' intelligenza baxxa; ibaghti minn dipressjoni kif ukoll minn attakki ta' puplesija. Però l-Qorti tirrileva illi persuna taht attakk ta' puplesija jaghmel mossi ferm differenti minn dak ta' persuna li jkun qieghed

jaghmel att sesswali, u persuna ta' intelligenza normali mhiex sejra thawwad wahda mal-ohra.

Din il-Qorti ma tara xejn hazin illi l-ewwel Qorti qaghdet fuq ix-xhieda ta' Rita Psaila; wara kollox l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 jghallem li x-xhieda ta' xhud biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqskemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Rita Psaila dehret bhala persuna affidabbli u ta' min joqghod fuqha, u bhall-ewwel Qorti din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni il ghala ghandha tiddubita mix-xhieda taghha.

L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-livell ta' intelligenza tal-appellant kif ukoll id-diffikultajiet emozzjonali tieghu, u fl-ghoti tal-piena ghamlet ir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal kura illi ghandu jiehu l-appellant. Din il-Qorti mhiex aversa ghal din it-talba u tajjeb illi l-appellant jircievi l-kura u l-ghajnuna illi ghandu bzonn. Ghal bqija l-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk, mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-istess kawteli maghmula mill-ewwel Qorti ghall-kura u ghajnuna li ghandu bzonn l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------